MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 371/2003/1

**Reuben Galea**

**v.**

**Publius Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-10 ta’ April 2003 mill-attur li tghid hekk:
“Peress li l-attur kien silef lill-konvenut is-somma ta’ ghaxart elef u sitt mitt lira (Lm10,600) biex jixtri *boat*, u fil-fatt kien hallas il-flus kollha hu;

"u peress li l-konvenut kien hallas lura biss is-somma ta' seba' mitt lira, kwindi kien baqaghlu jhallas bilanc ta' disat elef u disa' mitt lira (Lm9,900);

"u peress li d-dejn hu cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma kellux eccezzjonijiet x'iressaq;
"u peress li interpellat biex ihallas il-konvenut kien baqa' inadempjenti;

"Jghidu [recte: jghid] ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

"1. tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

"2. tikkundannah ihallsu lill-atturi [recte: l-attur] is-somma ta' LM9,900

"bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' qbid 156/03 u imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat li b'digriet tat-3 ta' Mejju, 2004, il-konvenut inghata l-opportunita` li jikkontesta l-kawza u ghoxrin jum biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 17) li in forza taghha ecepixxa illi;
"1. Illi l-unika eccezzjoni li ghandu x'jaghti l-konvenut hi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li assolutament mhuwiex minnu li l-konvenut qatt issellef xi flus minghand l-attur, wisq inqas li ghad ghandu xi bilanc ta' debitu favur tieghu."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 2006, li in forza taghha giet milqugha t-talba attrici ghall-ammont ta' LM3,600 biss u l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur din is-somma bl-imghax mid-data tas-sentenza; spejjez bin-nofs;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi din il-kawza tirrigwarda allegat self ta’ flus fl-ammont ta’ ghaxat elef u sitt mitt Liri Maltin (LM10,600) u peress li thallsu seba’ mitt Lira Maltin (LM700), l-attur talab li jithallas is-somma ta’ disa’ telef u disa’ mitt Lira Maltin (LM9,900), bhala s-somma dovuta lilu. Illi l-konvenut eccepixxa li t-talba ta’ l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-konvenut qatt issellef flus minn ghand l-attur.

“L-attur f’din il-kawza, allega li silef brevi manu lill-konvenut is-somma ta’ ghaxart elef u sitt mitt Lira Maltin (LM10, 600), biex jixtri dghajsa. Sostna li l-konvenut kellu jroddlu lura l-flus, ftit ftit, u ma jirrizulta li gie miftiehem l-ebda terminu, jew b’liema rati l-konvenut kellu jhallas lura dawn il-flus. Jidher li dak li sar kien xi progett li ma attwax ruhu finalment. Biex wiehed jislef dawk il-flus minghajr skrittura jew kuntratt u lanqas sar xi pagament tal-ammont b’***cheque*** hija verament stramba. Hu interessanti ukoll l-interess kbir li wera fid-dghajsa l-attur. Min isellef ikollu interess li l-ammont jigi lura mhux li l-magna tal-***boat*** tahdem tajjeb jew le. U l-uniku xhud li kellu l-attur fuq dan kollu [hlief lis-sur Galea Souchet] kien wiehed Marokkin li ma giex prodott.

“Min-naha tieghu, l-attur qal li l-konvenut tah biss lura seba’ mitt Lira Maltin (LM700) f’***cash.*** Fix-xhieda tieghu, l-attur semma wkoll li kien qal lill-konvenut sabiex imorru jaghmlu skrittura ghand avukat liema skrittura qatt ma saret, lanqas bejn il-partijiet innifishom. (a fol 23).

“Min-naha l-ohra, l-konvenut sostna li c-cekk li nhareg meta marru biex jixtru d-dghajsa kien inhareg mill-attur peress li l-flus ta’ Zammit kien qed izommhom l-attur, u dan peress li l-konvenut Zammit kellu problemi mal-mara. Hawn jidhol element iehor ftit li xejn kredibbli. Ma setax facilment hallas cash il-konvenut li kieku l-flus kienu tieghu! Il-konvenut sostna li l-attur tah cekk biss meta marru ghand il-kumpanija R.L.R. biex jixtru l-magni, li kienu l-flus tieghu stess. Kwindi, qal li dan ma kienx jammonta ghal self. Ghar-rigward ta’ l-erba’ telef Lira l-

ohra, qal li c-cekk li kien tah l-attur kien ibbawnsja, u ghalhekk, kellu jmur u jhallashom f'***cash.***

"F'dan ir-rigward, il-verzjoni tal-konvenut tinsab korroborata mix-xhud, Philip Galea Souchet, li meta gie riferut ghac-cekk a fol 27 tal-process, qal li dan ic-cekk ma kienx fuq isimhom. Filwaqt, li ghac-cekk a fol 28, qal li dan kien l-ewwel pagament fl-ammont ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (LM3600), biex inxtraw zewg magni. Izda, ghar-rigward ta' cekk iehor ta' erba' telef Lira (LM4000) li kien inghata sussegwentement baqa' m'ghaddiex, u baqa' jibbawnsja. Ghalhekk, eventwalment, kien mar Publius Zammit li kien hallas l-erbat elef lira f' ***cash*** (a fol 34 u 35).

"Ukoll il-konteggi finali ma jaqblux. In vista tal-fatt li l-verzjonijiet ta' l-attur u l-konvenut huma kunfliggenti, u anke l-fatt li ma tezisti l-ebda skrittura bejn il-partijiet dwar dan l-allegat self, il-Qorti, wara, li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, ma tqisx li l-konvenut ghandu l-obbligu li jirrestitwixxi s-somma ta' flus mitluba da parti ta' l-attur hlief ghat-tlett telef u sitt mitt lira li jidher car li thallsu mill-attur u l-uniku asserzjoni li hemm fuqhom mill-konvenut li kien qal lill-attur jzommlu l-flus minhabba l-mara. L-attur ma gabx provi konkreti u sodisfacenti li kien hu li hareg dan l-ammont ta' flus [hlief ghat LM3600], u li kien hemm ftehim dwar dan is-self bejn iz-zewg partijiet in kwistjoni. Illi hekk kif xehed Philip Galea Souchet stess, li meta Reuben Galea u Publius Zammit, meta marru biex jixtru kienu flimkien, u l-kuntratt kienu qalulu biex jaghmlu f'isem Publius Zammit, u r-ricevuta harget ukoll f'isem Publius Zammit (a fol 33 u 34).

"Ghaldaqstant, mill-evalwazzjoni tal-fatti u c-cirkostanzi, jidher li l-pretensjoni ta' l-attur [hlief ghat-LM3600] mhix wahda valida, u ghalhekk ghandha tintlaqa' biss sal-ammont ta' LM3600."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
"... ... ... tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Reuben Galea v. Publius

Zammit, u cioe` tirrevokaha in kwantu din cahdet l-eccezzjonijiet ta’ l-esponent u laqghet it-talba ta’ l-attur biex hija tordna lill-konvenut ihallsu somma izda limitatament sa l-ammont ta’ LM3,600, u tghaddi biex tilqa’ in toto l-eccezzjoni unika tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas lura ta’ LM9,900 rapprezentanti l-bilanc ta’ somma akbar li allegatament kien silef lill-konvenut biex dan tal-ahhar seta’ jixtri dghajsa. Il-konvenut cahad li hu ssellef flus mighand l-attur biex jixtri dghajsa. Fil-fatt jirrizulta li l-konvenut kien xtara fuq ismu dghajsa u zewg magni ghall-istess; jirrizulta wkoll li parti mill-flus harighom l-attur, izda l-konvenut isostni li dawn il-flus kienu tieghu stess peress li, minhabba problemi li kellu ma’ martu, kien iddepozita hafna flus ma’ l-attur, habib tieghu, biex jahbihom mill-iskruttinja ta’ martu.

L-ewwel Qorti sabet li l-konvenut ma rnexxielux juri li l-flus huma tieghu, izda min-naha l-ohra ma sabitx li l-attur wera li hu kreditur ghas-somma minnu mitluba, u sabet li l-pretensjoni tal-attur hi valida biss ghas-somma ta’ LM3600.

Il-konvenut appella mis-sentenza bl-aggravju principali tieghu jkun li hu ma nghatax l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu u li, f’kull kaz, ma saritx prova sodisfacenti tal-kreditu. L-attur ma ressaq ebda appell incidentali dwar is-somma li giet konnonizzata favur tieghu mill-ewwel Qorti.

Trattat l-ewwel aggravju tal-konvenut dwar li ma nghatax l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu, din il-Qorti tinnota li fl-udjenza tal-24 ta’ Jannar, 2006 (fol. 32), quddiem l-ewwel Qorti, l-attur iddikjara li ghalaq il-provi u l-kawza

thalliet ghall-15 ta’ Mejju 2006 “fid-9.30am ghall-provi tal-konvenut u possibbli trattazzjoni finali.” Fis-seduta ta’ wara, dik tal-15 ta’ Mejju 2006, ghalkemm il-konvenut kien prezenti, l-avukat difensur tieghu ma deherx, u peress li l-konvenut ma ressaqx provi, l-Qorti qieset il-provi maghluqa, u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` lill-partijiet iressqu noti ta’ osservazzjonijiet (li, pero`, baqghu ma gewx ipprezentati). Fit-2 ta’ Gunju, 2006, il-konvenut ressaq rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li jinghata l-opportunita` jressaq il-provi tieghu. Il-konvenut is-sottometta li l-avukat tieghu ma deherx ghas-seduta tal-15 ta’ Mejju, 2006, peress li nqabad jittratta kawza ohra quddiem Qorti ohra. B’digriet tas-6 ta’ Gunju, 2006, l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut.

Il-konvenut ma ressaq ebda appell kontra dan id-digriet tas-6 ta’ Gunju, 2006, u kwindi d-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma tippermettix lill-konvenut iressaq affidavit bix-xhieda tieghu ghaddiet in gudikat, u ghalhekk isegwi li din il-Qorti, lanqas jekk trid, ma tistax tippermetti li dan isir. F’kull kaz, din il-Qorti ma tarax li l-konvenut iggustifika in-nuqqas tieghu li jressaq il-provi tieghu fl-appuntament bil-hin li taghtu ghal dan l-iskop l-ewwel Qorti. Mhix skuza li l-avukat tieghu kien impenjat f’Qorti ohra, ghax meta Qorti f’kaz taghti jum u hin specifiku ghall-provi ta’ parti, hlief ghal kaz ta’ mard, dak l-appuntament ghandu jinzamm u jintuza ghall-iskop dikjarat. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Vassallo v. Bondin”, deciza fil-5 ta’ Dicembru, 2001:

“M’hemmx ghalfejn jinghad wisq dwar l-import tal-principju ‘audi alteram partem’ fis-sens illi dan ma kienx jimporta illi l-parti in kawza setghet tabbuza bil-process gudizzjarju u taghzel li tinjora d-direttivi tal-Qorti fil-kondotta tal-process. Kien principju li jobbliga lill-parti ghall-kuntrarju illi ssegwi ad unguem r-regoli procedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process.”

Fuq kollox, jekk il-konvenut ried jesebixxi affidavit u xi dokumenti seta’ ghamel dan hu stess waqt l-udjenza tal-

15 ta’ Mejju, 2006, u n-nuqqas tieghu li jaghmel dan ikompli jaggrava l-pozizzjoni tieghu fir-rigward.

Kwindi, l-aggravju tal-konvenut fuq dan il-punt qed jigi michud.

Dwar il-meritu, l-konvenut jissottometti li meta tqies li l-attur talab hlas ta’ LM9,900 izda inghata biss mill-Qorti Lm3,600, ghandu jindika li l-istess attur, fil-verita`, hija persuna mhux kredibbli. Hu veru li, mill-provi kif zviluppaw, l-attur kellu jirregola ruhu ahjar u jirriduci l-pretensjoni tieghu fid-dawl tal-fatt li *cheque* ta’ Lm4000 li kien hareg ghall-konvenut ma giex onorat mill-bank, pero`, dan ma jfissirx li, minhabba f’hekk, il-kredebbilita` tieghu ghandha titqies imwarrba kompletament. Lill-ewwel Qorti, u anke lil din il-Qorti, irrizulta li l-attur hareg LM3,600 biex inxtraw zewg magni ghad-dghajsa tal-konvenut. Ir-rapprezentant tas-socjeta` RLR Limited, li bieghet il-magni, qal li l-pagament relattiv sar minn Reuben Galea, l-attur, u kwindi la darba l-oggett tan-negozju kien ghall-konvenut, dan tal-ahhar hu obbligat li jirrifondi lill-attur din is-somma. Il-konvenut jghid li l-flus kienu tieghu stess peress li kien ghaddihom lill-attur biex dan izommhomlu. Din l-allegazzjoni, pero`, ma gietx ippruvata u baqghet biss allegazzjoni mhux sostnuta.

Din il-Qorti, kwindi, tara li, fid-dawl tal-provi prodotti, il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti hija gusta u sejra tigi kkonfermata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi waqt li dawk tal-appell jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------